



# 1 X'affarijiet dawn ...

L-ewwel darba li ġrat, Amelia kienet qed tieħu l-kolazzjon. Kellha skutella biċ-ċikkulata quddiemha, ħarset lejha u bdiet taħseb:

"Mmm … kemm nixtieq kelli

skutella krema minflok."

U fil-pront, tfaċċat quddiemha skutella kbira mimlija bil-krema!

Amelia tbellhet, u bdiet togħrok għajnejha … Imbagħad niżżlet il-kuċċarina bil-mod il-mod fl-iskutella, u daqet ftit. U veru krema kienet! L-itjeb krema li qatt kielet!

Adam għandu 4 snin. Kulħadd jaraħ gustuż u jikkuntentah f'kollox, l-iktar il-mamà. Imma hu brikkun żgħir u Amelia dejjem tispiċċa taqla' l-kastigi minfloku. Għalhekk, Amelia tħobbu u ma tħobbux fl-istess ħin.

Xi ftit ġranet wara, f'ħin it-te, Adam ✶ qabad iwerżaq kemm jiflaħ. Ried il-gallettina taċ-ċikkulata ta' Amelia. M'hemmx x'tara, dik kienet l-aħħar waħda li kien fadal fil-pakkett …





Bħas-soltu, qabżet il-mamà: "Amelia, kun brava ħi, ħallihielu dik il-gallettina lil Adam."

"Imma dak lanqas il-ħobż ma jiekol!" ipprotestat Amelia.

Adam ħareġ ilsienu u għajjeb 'il oħtu waqt li ħataf il-gallettina. Mimlija nervi, Amelia qalet, bejnha